**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 51 / 2022**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Johann Borg Neagu**

Illum 3 ta' Mejju 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Johann Borg Neagu, residenti 64, London, Flat 3, Triq il-Gandoffli, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 284483 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

B' diversi atti maghmulin minnhu, wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jkisru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' April, 2020:

1. Meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b' kuntratt, naqas milli jaghti lil martu Kelly Dorianne Smith Cordina u / jew lill-uliedu, s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulate fil-kuntratt bhala manteniment, fi zmien hmista-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar il-31 ta' Jannar, 2022, fejn il-Qorti rat l-artikoli 338 (z), 7, 18 u 31 tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta:

Sabet illi l-imputat Johann Borg Neagu hati tal-imputazzjoni kif migjuba kontra tieghu u konsegwentament ikkundannatu ghal tlett xhur prigunerija effettivi.

Rat ir-rikors tal-appellanti Johann Borg Neagu minnu pprezentat fil-15 ta' Frar, 2022, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, izda tirrevokaha u thassarha in kwantu l-appellant gie kkundannat ghall-piena ta' tlett xhur prigunerija u minflok tordna li l-istess appellant jigi kkundannat ghal dik il-piena anqas gravuza li joghgobha timponi din l-Onorabbli Qorti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji huma s-segwenti;

Illi dan l-appell hu limitat ghall-piena, billi l-piena erogata fic-cirkostanzi kollha tal-kaz hi wahda sproporzjonata, minkejja li fil-parametri stabbiliti fil-ligi.

Illi kif inghad fl-appell kriminali deciz fis-26 ta' Marzu, 2009 minn din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gauci, "mhux normali li din il-Qorti tal Appell li tvarja d-diskrezJoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament eccessiva. Dan ghax, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali (Superjuri): "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler" (26.2.2009] "Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena

erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti) li jkun jincidi b' mod partikolari fuq il-piena, (Ara wkoll "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Bernard sive Benny Attard" [20.3.2009] App. Krim. Superjuri)"

Illi fil-kaz odjern tal-appellant Johann Borg Neagu ghalkemm m' huwiex kontestat illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet wahda li tirrientra fil-parametri tal-ligi, jirrizulta li meta wiehed iqabbel il-piena li giet erogata ma' pieni li solitament jinghataw mill-istess l-Ewwel Qorti fil-kaz ta' first-time offenders, bhalma hu l-appellant, wiehed isib li effettivament fejn hi r-regola generali li first-time offender jigi punit bl-applikazzjoni tal-artikoli 22 u ordni ghall-hlas taht l-artikolu 24 tal-Kap 446, jew in pessima ipotezi u normalment fil-kaz tat-tieni ksur permezz tal-applikazzjoni tal-artikolu 28 tal-Kap 9, f' dan il-kaz il-Qorti marret full blast fl-erogazzjoni tal-piena u kkundannat lill-appellant ghal xahar detenzjoni.

Illi wkoll f' dan il-kaz, kif gara fil-kaz tas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gauci [26 ta' Marzu, 2009], u fil-kaz ta' "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler", ser jirrizulta li fil-mori tal-appell, l-appellant ser ikun hallas dak dovut minnu bhala manteniment skont l-imputazzjoni, u ghalhekk ser tkun proprju sehhet "cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti", li l-Ewwel Qorti ma kellhiex il-possibilita' li tiehu in konsiderazzjoni fis-sentenza appellata w li ghalhekk tista' taghti lok ghal temperament fil-piena.

Illi l-appellant ammetta l-imputazzjonijiet migjubha kontrieh, minghajr dewmien u spjega tramite r-rapprezentant legali tieghu, illi dan kollu sehh unikament minhabba l-fatt li ghamel zmien twil minghajr impjieg.

Rat li fis-seduta tat-28 ta' April l-Avukat Difensur tal-appellant ma deherx minkejja li gie imsejjah diversi drabi.

Semghet lill-kwerelanti tghid u dan fis-seduta tat-28 ta' April, 2022 li l-appellant ma hallashiex il-manteniment dovut minkejja is-sentenza tal-ewwel Qorti.

Rat li ghalhekk ma hemm l-ebda tibdil fic-cirkostanzi tal-kaz minn meta giet moghtija l-ewwel Qorti.

**Ikkunsidrat,**

Illi dan hu appell limitatament mill-piena u ghalhekk dan ifisser li l-appellant qed jammetti li huwa ma hallasx il-manteniment dovut lil Kelly Dorianne Smith Cordina fl-ammont ta' €300 (kif verbalizzat fis-seduta quddiem l-ewwel Qorti nhar l-31 ta' Jannar 2021) rapprezentanti manteniment dovut ghax-xahar ta' April 2021 kif ordnat mill-Qorti Civili sezzjoni tal-Familja (digriet datat 9 ta' Jannar 2020 fol. 11 ta' l-atti).

Illi huwa minnu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalment dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti. Infatti fis-sentenza tal-każ **<u>Il-Pulizija vs. Spiru Muscat</u>** l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell presjeduta mill-Onorevoli Imħallef Dr. David Scicluna fil-15 ta' Frar 2012 (255/2011) sostniet:

> *"Issa fit-termini tal-Ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tiprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi ir-responsabbilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għall kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha......M'huwiex normali pero li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk l-piena nflitta tkun*

*tidħol fil-parametri tal-Liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat".*

Jigi imfakkar li nhar il-31 ta' Jannar 2022 l-appellant kien irregistra ammissjoni quddiem l-ewwel Qorti u dan wara li kienet spjegatlu r-reperkussjonijiet ta' din l-ammissjoni u wara li nghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra din l-ammissjoni huwa tenna l-istess.

Din il-forma mentis tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali li l-Qorti tal-Appell ma tbiddilx l-piena imposta mill-ewwel Qorti jekk ma jkunx hemm tibdil fic-cirkostanzi hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom **Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio**[1] , **Il-Pulizija vs. Jeremy James Farrugia**[2] u **Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**[3] . Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard** mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:

*"Il-Qorti tal-Appell warament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi."*

[1] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003.
[2] Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003).
[3] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994).

Il-Qorti rat li l-piena inflitta taqa' fil-parametri tal-ligi. Rat li ma kien hemm l-ebda tibdil fic-cirkostanzi ta' minn meta nghata s-sentenza mill-ewwel Qorti minkejja li ghaddew aktar minn tlett xhur u li lanqas ma kien hemm tentattiv sabiex isir il-hlas dovut mill-appellant u ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu din il-qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata billi qed tikkonferma x-xahar detenzjoni effetttiva.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur